**Laqgha Numru 11/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tal-Hdax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 8 ta' Lulju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat kienu skuzata.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-2 ta' Lulju 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2009.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/2009.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K6/2009.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Rapport Annwali Amministrattiv 2008/2009.**

**12. Rapport Finanzjarju April – Ġunju 2009.**

**13. Tender 03/2009 u kwotazzjonijiet 01, 10, 16, 18, 19 u 20/09.**

**14. Proposta mill-Maltapost plc għall-ftuħ ta' Sub Post Office.**

**15. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2009/2010.**

**16. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**17. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 09/K6/2009 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.08 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 8.09 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l'issir attivita' ghat-tfal ta' l-Iskola fejn dawn jigu mistiedna jkunu parti minn delegazzjoni (ghas-spejjez taghhom) sabiex izuru Wales u dan bhal ma diga kien sar fl-imghoddi, is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jaghmel din il-laqgha ma' MEUSAC rigward din l-attivita'. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien infurmah li din il-laqgha ghad trid issir.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 2.04, ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.07, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.12 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 11.59 rigward l-uniformijiet ta' l-impjegati tal-Kunsill fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li fil-jiem li gejjien kien ser imur jara l-kumpaniji li jipprovdu l-uniformijiet ma' wahda mill-iskrivani minhabba l'issa ghadda hafna zmien u ma kien hemm ebda kuntatt mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, kif ukoll fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li kien ser isib hin biex jakkumpanja huwa wahda mill-impjegati tal-Kunsill biex tintghazel l-uniformi, is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li ghad ma nstabx hin biex issir din il-bicca xoghol.

**46/1940/09/I**
13/04/2009
E-mail minghand il-Kunsill Malti ghall-Isport fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill fejn tlabna laqgha mas-Sur Joe Cassar informa l-Kunsill li lest li jiltaqa' maghhom nhar it-23 t'April 2009 fid-9.30am gewwa Cottonera Sports Complex.

**46/1955/09/I**
14/04/2009
E-mail minghand is-Sur Victor Camilleri ta' Pembroke Athleta Athletics Section fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mas-Sur Joe Cassar CEO tal-KMS kien hareg b'zewg proposti sabiex is-Sezzjoni taghti sapport fi progett 'Girls on the Move' u l-progett l-iehor Skola Sport ta' l-Atletika. Talab biex il-Kunsill jikteb ittra lill-KMS sabiex tigi stabbilita' Pembroke Local Council Athletic School u fl-ahhar talab biex bhas-soltu nikkonfermaw li se naghtu donazzjoni ghall-maratona li saret fil-5 ta' April 2009.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 2.08, ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.05, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.06, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.04 u ghall-korrispondenza numri **46/1940/09/I u 46/1955/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li l-laqgha ma saritx f'din id-data u ghalhekk kien talab biex il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli meta jkun jista' jaghti data ohra ghal din il-laqgha u kien ippropona ukoll li ghal din il-laqgha jkunu prezenti dirigenti ta' Pembroke Athleta, is-Sindku Joe Zammit qal li din il-laqgha ghad ma gietx iffissata.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 2.13, ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.12, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.15, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 14.30 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet li l-Kunsill ihallas ghall-biljett ta' l-ajru ghall-mawra li hija kellha f'Roccalumera kif ukoll fejn wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit qal li kien qed jipproponi li l-Kunsill ihallas ghall-ispejjez tal-biljett ta' l-ajru li ghamlet il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghad trid tipprovdi kopja tal-biljett halli jkun jista' jsir il-hlas.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 2.33 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet qalet li l-kors tal-Ganutell kellu jibda l-Hamis 18 ta' Gunju 2009 u l-French Beeding il-Gimgha 19 ta' Gunju 2009 kif ukoll kienet qalet li l-ghalliema ser titlob lill-Kunsill l-ammont ta' € 11.65 ghal kull siegha bhala hlas u ghalhekk kienet ipproponiet li r-residenti ghandhom ihallsu biss €20.00 ghal kull kors u l-kumplament ikun issussidjat mill-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien informa lill-Kunsill li l-Kunsill ma setax jisponsorja korsijiet.

**46/3100/09/I** 09/06/2009 Newsletter minghand l-ECAD volum 3 numru 118 tax-xahar ta' April fejn hemm imsemmi li 17th Mayors Conference ser issir f'Malta April/Mejju 2010 kif ukoll fejn ser jigi prezentat bl-ECAD Award 2010.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 6.26 u ghall-korrispondenza numru **46/3100/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera, il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Kunsilli ta' Pembroke Town, Pembroke Dock u Roccalumera biex jissiehbu f'din l-ghaqda ta' l-ECAD.

2.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3147/09/I** 11/06/2009 E-mail minghand it-Teatru Manuel fejn baghtu proposal form li trid timtela u nfurmaw lill-Kunsill li ghax-xahar ta' Settembru ghad hemm xi dati disponnibbli u jekk il-Kunsill mhux ser jaghti data ma tistax tikkonferma u staqsiet ukoll jekk din hux ser tkun attivita' pubblika.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 6.44 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ser taghmel kuntatt mal-muzicist koncernat u qal li l-possibilita' hija li l-attivita' ssir f'Dicembru, il-kelliem qal li sallum jidher li ghad m'hemm ebda informazzjoni gdida.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 13.41 fejn il-Kunsillier Lauro Fava kien fakkar li ghad ghandhom jigu rrangati l-parking bays ta' Misrah il-Paci, is-Sindku Joe Zammit qal li dan ix-xoghol ghandu jsir fil-futur qarib.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2009 item 13.45 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jinxtraw u jigu nstallati 3 emergency lights ghall-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara li kien ikkonsulta mas-sur Mario Abdilla ta' Pembroke Hardware Store dan kien issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel komunikat mal-kuntrattur li kien ghamel ix-xoghol kif fil-fatt sar u hemm kwotazzjoni dwar dan.

2.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtara emergency light normali li jehel ma' plakka u jitpogga fl-ufficcju tal-Kunsilliera u iehor fis-sala tal-Kunsill.

2.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/2009.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 10/K6/2009 kifipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K6/2009.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 38/2009** b'rapport tal-Bord ta' l-Għażla - Tender 03/2009 u Kwotazzjonijiet 01, 08, 09, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16 u 17/2009 **(Ara dokument A); Internal Memo 39/2009** b'rapport tal-Kwotazzjonijiet 01, 18, 19 u 20/09 **(Ara dokument B); Internal Memo 40/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-ADT **(Ara dokument C); Internal Memo 41/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Korporazzjoni Enemalta **(Ara dokument D); Internal Memo 42/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill **(Ara dokument E); Internal Memo 43/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said **(Ara dokument F); Internal Memo 44/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 09/K6/2009 u 11/K6/2009 **(Ara dokument G); Internal Memo 45/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 09/K6/2009 u 11/K6/2009 **(Ara dokument H); Internal Memo 47/2009** b'rapport tal-kwotazzjonijiet 21/2009 **(Ara dokument I) u** Flyer dwar l-attivita' ta' Navigators Jazz Band. **(Ara dokument J)**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kellhom laqgha mal-Kap ta' l-iskola Sir Adrian Dingli fejn minhabba l-hsara li qed issir fil-facilitajiet sportivi talbu li jibda jsir uzu mill-access li hemm in-naha tal-klabb ta' Melita FC fejn hemm bzonn li tigi rrangata parti mit-triq u ghalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill jikteb ittra lill-FTS (kopja lill-ADT) fuq dan is-suggett bhala appogg ghal din il-proposta sabiex isir ix-xoghol necessarju mill-istess FTS kif ukoll li jsir culvert fit-triq li taghti ghall-iskola minhabba l-problema ta' l-ilma tax-xita.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-18 ta' Gunju u t-8 ta' Lulju 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3098/09/I** 08/06/2009 E-mail minghand l-ECAD fejn irringrazzjat lill-Kunsill ghall-ittra li baghtna bid-diversi kwotazzjonijiet li rcieva l-Kunsill mill-lukandi u talbet l-ghajnuna tal-Kunsill biex jaghzlu lukanda.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3098/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona li ta' l-ECAD jigu mistiedna jaghmlu kuntatt mal-Palace Hotel tas-Sliema kif ukoll li l-ghazla finali ghandha ssir minnaha taghhom.

8.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3238/09/I** 16/06/2009 Ittra minghand is-Sur Mark Falzon fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex mill-anqas darba f'gimgha minn Lulju sa Settembru jibda jigi fil-librerija jaqra storja lit-tfal zghar u lit-tfal li huma naqra akbar fl-eta' jaghtihom informazzjoni fuq awturi u poeti maltin u jheggihom jaqraw kif ukoll jorganizza attivitajiet biex jinkoragixxi lill-istudenti li jistudjaw il-franciz u t-taljan biex jitghallmu fuq il-kultura taghhom.

8.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3238/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll li dan iz-zghazugh f'xi hin waqt il-laqgha ser jiltaqgha mal-Kunsill biex jispjega x'jixtieq.

**46/3239/09/I** 16/06/2009 Mistoqsija parlamentari numru 8852 li l-Onor. Robert Arrigo staqsa lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi dwar attivita' ta' wiri tal-final champions league.

8.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3239/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3245/09/I** 16/06/2009 Kopja ta' l-e-mail li l-Perit Anton Camilleri mid-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar baghat lill-Perit Sandra Magro fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar nuqqas ta' dawl f'Sit C u D staqsa li jahseb li s-sidien tal-garaxxijiet huma responsabbli ghall-provvista tad-dawl u talab konferma.

8.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3245/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat lir-residenti koncernati.

8.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3246/09/I** 16/06/2009 E-mail minghand d-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna dwar il-vojt li hemm bejn Sit B u Blokk 5 San Gorg informa l-Kunsill li dak il-gap kien thalla minhabba housing project propost li qatt ma gie materjalizzat u meta tlesta x-xoghol f'Sit B il-gap kien tnaddaf u l-materjal li hemm prezentament gie akkumulat wara li r-residenti ghamlu xi xoghol.

8.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3246/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Kunsill kien approva li jaghmel dan it-tindif ghas-spejjes tal-Kunsill stess.

**46/3248/09/I** 16/06/2009 E-mail minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn informa l-Kunsill li jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill nhar it-Tlieta 23 ta' Gunju 2009 fl-10.30am gewwa l-Kunsill.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3248/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.Il-kelliem irrefera wkoll ghal-Internal memo 41/2009.

**46/3254/09/I** 17/06/2009 Ittra minghand il-Luxol Sports Club fejn baghtu lista ta' unuri li hadu s-sezzjoni tal-Basketball matul l-istagun 2008/2009.

8.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3254/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dawn is-sinjuri inghataw memento f'Jum Pembroke.

**46/3255/09/I** 17/06/2009 E-mail minghand Roccalumera fejn baghtu d-dettalji ta' Assocjazzjoni t'Anzjani f'Roccalumera fejn jixtiequ jaghmlu kuntatt ma' l-Ghaqda Anzjani Pembroke.

8.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3255/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3256/09/I** 17/06/2009 E-mail minghand Roccalumera fejn qalu li l-grupp folkloristiku minn Roccalumera jixtiequ jipparteċipaw fil-festival internazzjonali tal-folklor li jsir f'Malta.

8.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3256/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab li tintbaghat ittra lill-MTA u lill-Ministeru tal-Kultura dwar dan.

**46/3259/09/I** 17/06/2009 E-mail minghand Pembroke Athleta Football Nursery fejn informaw lill-Kunsill li t-tim ta' Under 15 kellhom stagun ta' success u talbu l-Kunsill biex bhal ma ghamlu huma u bhal ma ghamel il-Kunsill is-sena l-ohra mat-tim ta' Under 17 jaghti premjazzjoni lill-players permezz ta' memento jew xi haga simili.

8.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3259/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dawn is-sinjuri inghataw memento f'Jum Pembroke.

**46/3263/09/I** 17/06/2009 E-mail minghand MEUSAC fejn talab lill-Kunsill jibghat id-dokument anness lil Roccalumera minhabba li qed jiffinalizzaw ir-rapport fuq il-konferenza li saret fuq 'Zooming on Sustainability'.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3263/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3265/09/I** 17/06/2009 Memo 37/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Garanzija bankarja fuq xoghlijiet ta' zvilupp.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3265/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3269/09/I** 17/06/2009 Rapport mibghut mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar spezzjoni ta'

tabelli u sinjali.

8.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3269/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3270/09/I** 17/06/2009 Rapport mibghut mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar spezzjonijiet li saru bejn April 09 - Lulju 09 dwar il-kundizzjoni ta' toroq urbani u ndafa.

8.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3270/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3272/09/I** 17/06/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li dawk il-Kunsilli li ghalqilhom il-kuntratt dwar il-gbir ta' skart organiku ghandu johrog l-offerta skond il-kuntratt il-gdid kif spjegat f'Memo 26/2009.

8.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3272/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-dokument ghandu jinhareg kif propost mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fi zmien opportun.

8.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3359/09/I** 19/06/2009 E-mail minghand is-Sinjura Rebecca Mallia fejn talbet il-permess tal-Kunsill biex torganizza get together ghat-tifla taghha nhar it-Tnejn 3 t'Awwissu bejn is-6.00 u t-8.30pm fil-picnic area u nformat lill-Kunsill li ser tikri rock climbing wall minghand il-Malta Activities sabiex it-tfal jiehdu pjacir.

8.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3359/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni bil-kundizzjoni li l-post jinzamm nadif.

8.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3406/09/I** 22/06/2009 Ittra minghand is-sur Paul Vella jinforma lill-Kunsill dwar ktieb li ppubblika li jinkludi nformazzjoni dwar Pembroke.

8.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3406/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan jigi diskuss fil-laqgha li jmiss wara li l-Kunsill ikun jaf il-prezz dovut.

8.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3420/09/I** 22/06/2009 Ittra minghand is-sur Silvio Frendo mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitlob li jkun jaf meta ser jigu rifonduti lura l-flus li r-residenti halsu fis-sena 2008 u 2009 vis-a-vis l-attivitajiet li saru ghall-UEFA Champions League.

8.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3420/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-Dipartiment ghall-Gvern lokali jigi nfurmat li l-flus li ngabru m'ghandhomx jithallsu lura ghax b'dawn inxtara l-ikel ghal waqt l-intervall u mhux kienu hlas ghal servizz biex raw il-loghba. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jistenna t-twegiba tad-dipartiment.

8.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3434/09/I** 22/06/2009 Ittra minghand Entertainments Ltd. jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex ipoggu tabella 8ft x 4ft fil-hamrija li hemm fi Triq Alamein, ftit il-fuq mill-Kunsill.

8.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3434/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kumpanija tigi nfurmata li t-talba ma tistax tintlaqa' minhabba li s-sit huwa privat apparti l-fatt li jkun hemm bzonn il-permess tal-MEPA.

8.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3438/09/I** 23/06/2009 Kwotazzjoni minghand Diaries JD Limited ghall-binding tal-Minuti ghall-prezz ta' € 17.50 ghal kull volum inkluz il-gold lettering.

8.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3438/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-kwotazzjoni tigi accettata.

8.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3447/09/I** 23/06/2009 Ittra minghand l-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada jinfurmaw lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-bini tal-culvert fi Triq Sir Adrian Dingli ghandu jibda fil-gimghat li gejjien, jigifieri fil-vaganzi tat-tfal ta' l-iskola.

8.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3447/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3474/09/I** 24/06/2009 E-mail minghand l-AKL b'kopja ta' kuntratt kif propost mill-Malta Communication Authority sabiex isiru numru ta' Wi-fi fil-lokal li jkunu accessibbli ghall-pubbliku.

8.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3474/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu nstallati zewg sistemi wahda fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta u wahda fil-Gnien 4 ta' Lulju bl-ispiza tkun koperta mill-fondi li l-Kunsill ser jircievi mill-LES.

8.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3484/09/I** 25/06/2009 Kwotazzjoni minghand is-sur Jason Grech ghall-provvista u twahhil ta' 3 Emergency Lights fl-Ufficcju Amministrattiv ghall-prezz ta' €165.20.

8.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3484/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3492/09/I** 25/06/2009 Memo 38/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-Kodici Dwar l-Ahjar Prattici ghall-Gvern Lokali.

8.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3492/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3495/09/I** 25/06/2009 Ittra minghand il-Kunsill ta' Roccalumera jinforma lill-Kunsill li rigward it-tornament tal-futbol li ser isir f'Settembru xtaqu jkun jafu jekk il-Kunsill jistax jospita' l-grupp kif kien gie diskuss. Huma qed jirrakomandaw li l-attivita' ssir bejn l-4 u s-7 ta' Settembru 2009.

8.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3495/09/I** u wara l'inghatat spjegazzjoni ta x'ghamlu il-grupp ta' Pembroke meta marru Roccalumera f'Settembru 2008 is-Sindku Joe Zammit ippropona li Roccalumera jigu nfurmati li bhal ma sar fil-passat, kull spiza minn Roccalumera ghandha tkun koperta minnhom. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob kwotazzjoni minghand il-lukanda Topaz ghall-prezz ghal dan il-grupp kif ukoll li d-dati ghandhom jigu kkonfermata wara li ssir konsultazzjoni ma' Pembroke Athleta Football Club minhabba li din l-attivita' ser tahbat mal-perjodu meta ser jinfetah ufficjalment il-ground bil-haxix artificjali.

8.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3498/09/I** 26/06/2009 — Ittra minghand l-Agenzija Sapport jitolbu laqgha mal-Kunsill dwar il-familja Borg ta' Blokk 2, House 2, Trejqet Antonie de Favray, Pembroke.

8.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3498/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel din il-laqgha meta tkun disponibbli l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

8.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3499/09/I** 26/06/2009 — Ittra minghand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jinforma lill-Kunsill li t-talba sabiex il-Kunsill japplika ghall-fondi ghall-installazzjoni ta' dawl gdid mill-Fond ghall-Kawzi Gusti ma tistax tigi milqugha minhabba li skond il-linji ta' gwida entitajiet li jircievu ghajnuna diretta mill-gvern centrali qed jigu eskluza.

8.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3499/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3501/09/I** 26/06/2009 — Kopja ta' permess li l-Pulizija harget lis-sur Christopher Deguara f'isem l-ghaqda AMACS sabiex jipprattikaw tip ta' sport fil-bini tal-White Rocks Holiday Complex.

8.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3501/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3507/09/I** 26/06/2009 — Ittra minghand id-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li l-Kunsill jista' jaghmel attivitajiet kongunti izda mhux jaghti sponsorship, ghaliex din tammonta ghal donazzjoni.

8.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3507/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3515/09/I** 30/06/2009 — Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar jinfurmaw lill-Kunsill li huma lesti li jirrifondi l-ammont ta' € 10,000 dwar l-installazzjoni ta' dawl ta' Sit F kemm il-darba l-Kunsill ikun lest li jaghmel il-manutenzjoni mehtiega.

8.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3515/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-manutenzjoni tas-sit wara li dan jinxteghel is-sit u li il-hlas tad-dawl pubbliku jithallas mill-Gvern minhabba li suppost ser jitqabbad ma' l-street lighting.

8.55. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3525/09/I** 30/06/2009 Ittra minghand l-Avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil jinforma lill-Kunsill li wara l-laqgha li saret mal-kumpanija Faces gie nnutat li l-kuntratt dwar il-provvista u z-zamma tal-Bus Shelters jiskadi fi Frar 2011 u sa sena qabel il-kumpanija ghandha tkun infurmata jew huwiex ser jiggedded il-kuntratt jew le. L-Avukat irrimarka li jkun ghaqli li jkun hemm diskussjoni dwar dan il-kuntratt minhabba li huwa wisq favorevoli lejn il-kumpanija.

8.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3525/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.58. Is-Sindku Joe Zammit qal li sallum dwar il-kaz ta' San Gorg kien ghadu ma sar xejn dwar il-protest gudizzjarju kif propost mill-Avukat stess, u ghalhekk talab biex tintbaghat reminder lill-Avukat halli jagamel il-protest gudizzjarju.

**46/3548/09/I** 01/07/2009 Ittra minghand il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jinforma lill-Kunsill li l-proposti tal-Kunsill vis-a-vis ir-riforma fit-trasport gew kollha kkunsidrati.

8.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3548/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem fakkar li hafna mill-proposti kienu tressqu mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/3569/09/I** 02/07/2009 Kwotazzjoni minghand Diaries JD Limited ghal diaries ghas-sena 2010.

8.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3569/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3571/09/I** 02/07/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-gemellagg ta' Anning b'risposta ghall-ittra tas-Sindku.

8.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3571/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien qed jirriserva dritt li jwiegeb din l-ittra ghan-nom tal-Kunsill.

**46/3572/09/I** 02/07/2009 Ittra minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u ghall-Affarijiet Rurali dwar il-bini ta' storm water culvert f'Pembroke.

8.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3572/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3573/09/I** 02/07/2009 Ittra minghand l-ADT dwar applikazzjoni li s-sur Victor Borg li joqghod 29, Trejqet il-Beatu Nazju Falzon applika ghal Reserved Parking.

8.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3573/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

8.64. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3579/09/I** 02/07/2009 Memo 40/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-manutenzjoni ta' toroq li saret u dak li hemm ippjanat sa l-ahhar tas-sena 2009.

8.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3579/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghandu jigi nfurmat li l-vot ser ikun intefaq kollu.

8.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.69. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li jsir pjan ta' kif ser jintefqu l-flus.

8.70. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ma jistax isir ghax hadd ma jaf xi hsara jista' jkun hemm wara li taghmel ix-xita.

**46/3583/09/I** 03/07/2009 Ittra minghand il-Commonwealth War Graves Commission jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex iwahhlu tabelli ta' direzzjoni li jindikaw il-Pembroke Military Cemetery.

8.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3583/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

8.72. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3587/09/I** 03/07/2009 Ittra minghand l-Onor Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said iheggeg lill-Kunsill sabiex jibghat rapprezentant ghall-Konferenza li ser issir nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2009 fejn ser titratta s-suggett tal-guardianship deeds fuq il-wirt kulturali.

8.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3587/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li ghal din il-konferenza kien attenda s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/3650/09/I** 07/07/2009 E-mail minghand il-MEPA rigward lista ta' applikazzjonijiet godda, fejn fi Triq l-Imhallef William Harding, plot 235 hemm applikazzjoni bin-numru 2280/09 biex isir childcare centre.

8.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3650/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.76. Fis-7.05 pm is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-laqgha sabiex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mal-librar Albert Farrugia u mas-sur Mark Falzon.

8.77. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

***8.79. Il-laqgha giet sospiza fis-7.05 pm.***

***8.80. Il-laqgha tkompliet fis-7.30 pm.***

8.81. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li vis-a-vis il-laqgha li saret mas-sur Mark Falzon il-Kunsill jaccetta l-proposta tieghu sabiex isiru numru t'attivitajiet edukattivi konnessi mal-librerija.

8.82. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm kummenti ghajr li gew riferuti ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha li kien hemm kif ukoll li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu ic-Chair tal-Kumitat Kongunt ghas-sitt xhur li gejjien.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kieku ma kienx ghall-Ufficcju amministrattiv, jigifieri s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-iskrivana Alison Micallef u Kirsty Rizzo, dawn l-attivitajiet ma kienux isiru minhabba li kien hemm nuqqas t'ghajnuna mill-membri eletti tal-Kunsill specjalment f'certu attivitajiet fosthom l-attivita' finali ta' Jum Pembroke.

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ilaqqa' lir-residenti tal-komunita' flimkien billi jorganizza BBQ f'Awwissu u jsir fil-parkegg ta' madwar il-Kunsill kif ukoll issir harga ghal Kemuna nhar il-Gimgha 31 ta' Lulju. Il-kelliem qal li dawn l-attivitajiet mhux ser jiswew flus lill-Kunsill ghax kull partecipant ser ikun mitlub ihallas l-ispejjes kollha. Il-kelliem ippropona ukoll li ssir attivita' billi ssir zjara fl-impjant ta' RO Pembroke nhar il-Hamis 30 ta' Lulju.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jaghmel talba ufficcjali lid-Desalination Unit WSC ghal permess tal-vista fl-RO.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Rapport Annwali Amministrattiv 2008/2009.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena finanzjarja 2008/2009. **(Ara dokument K)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-Rapport Annwali Amministrattiv 2008/2009 ghandu jigi approvat kif ipprezentat.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Rapport Finanzjarju April – Ġunju 2009.

12.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu April – Gunju 2009. **(Ara dokument L)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-Rapport Finanzjarju ghall-Perjodu April – Gunju 2009 ghandu jigi approvat kif ipprezentat.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li f'dan il-perjodu l-Kunsill kien nefaq u ghandu xoghol u kontijiet pendenti b'aktar milli kien stmat fl-Estimi Finanzjarji u ghalhekk irrakkomanda lill-Kunsill li qabel isir kull infieq iehor ghandha tigi diskussa din is-sitwazzjoni.

## 13. Tender 03/2009 u kwotazzjonijiet 01, 10, 16, 18, 19 u 20/09.

13.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill skeda ta' offerti li waslu ghand il-Kunsill. **(Ara dokument A, B u I)**

13.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir sospenzjoni tal-laqgha sabiex jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

***13.05. Il-laqgha giet sospiza fit-8.20 pm.***

***13.06. Il-laqgha tkompliet fit-8.50 pm.***

13.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Tender 03/2009 – Upgrading Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta** l-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta tal-Kumpanija **E. Calleja & Sons għall-prezz ta' €3,779.03** għall-provvista u nstallazzjoni ta' dawl u l-offerta tal-Kumpanija **OPAL għall-prezz ta' €12,263.00** għall-provvista ta' Litter bins u Play Equipment minħabba li l-offerti tagħhom huma l-aktar vantaġġużi. Il-Bord irrakkomanda ukoll li xogħol ieħor ta' manutenzjoni jista' jsir mill-kuntrattur J&K Contractors Limited li diġa għandu kuntratt mal-Kunsill.

13.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Kwotazzjoni 01/2009 – Palm Reader** il-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta ta' **Infinite Fusion Technologies ghall-prezz ta' €1,500.00 eskluz il-Vat** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza.

13.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Kwotazzjoni 10/2009 – Manutenzjoni ta' chain link fence u nstallazzjoni ta' roof fencing tal-multi purpose court** il-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta ta' **Stainless Structures ghall-prezz ta' €2,326.96** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza.

13.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.19. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Kwotazzjoni 16/2009 – Provvista ta' sigar taz-zebbug** il-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li jinxtraw 20 sigra taz-zebbug minghand il-kumpanija **Derek Garden Centre ghall-prezz ta' € 160.00** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza.

13.20. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.21. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

13.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.23. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Kwotazzjoni 18/2009 – Manutenzjoni ta' art permezz ta' konkos u/jew tarmak** il-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li x-xoghol li hemm wara Blokk 5 off Triq Jum Pembroke ghandhu jinghata lis-sur **David Grech ghall-prezz ta' € 1,444.00** u ghax-xoghol ta' madwar St. Andrews House tinghata lill-**J&K Contractors ghall-prezz ta' €6,277.00** abbazi li l-offerti taghhom kienu l-aktar vantagguzi.

13.24. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.27. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Kwotazzjoni 19/2009 – Provvista u thawwil ta' sigar ta' l-Oleander** il-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li jigu avvicinati Nurseries li hawn madwar Malta sabiex jipprovdu kwotazzjoni.

13.28. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.31. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Kwotazzjoni 20/2009 – Servizz ta' handyman** il-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li din l-offerta ma tigix ikkunsidrata fid-dawl li fil-jiem li gejjien ghandha tibda l-iskema ta' l-ETC.

13.32. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.35. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward **Kwotazzjoni 21/2009 – Provvista ta' materjal tal-hadid** il-bord ta' l-ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta ta' **F. Cordina & Sons** abbazi li l-offerta tieghu hija l-aktar wahda vantagguza.

13.36. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

13.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.39. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa mportanti li qabel jingieb dan il-materjal jinsab post fejn jista' jitpogga minhabba li skond il-welder Mark Abela m'hemmx post adegwat bhalissa fl-istore tal-Kunsill.

13.40. Rigward il-welder il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dan ghandu jinghata cavetta ta' l-istore tal-Kunsill sabiex ikun jista' jahdem f'hinijiet differenti minn ta' l-ufficcju. Il-kelliem qal wara huwa ser jinforma lill-Kunsill bil-hinijiet li jkun qed jaghmel.

13.41. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.43. Fid-dawl ta' l-offerti kollha li gew maghzula s-Sindku Joe Zammit ippropona li ebda ordni ta' xoghol m'ghandha tinhareg qabel ma jkun zgurat li hemm il-fondi necessarja disponibbli.

13.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Proposta mill-Maltapost plc għall-ftuħ ta' Sub Post Office.

14.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsilliera ghall-ftehim propost mill-kumpanija Maltapost plc, liema dokument kien gie anness mal-Minuti precedenti.

14.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli propona li wara li gie diskuss id-dokument propost, il-piz li hemm fix-xoghol mitlub huwa wisq li ser igorr il-Kunsill u dan fl-ahhar mill-ahhar sabiex jipprovdi servizz lill-kumpanija privata u ghalhekk qal li l-Kunsill m'ghandux jaccetta dan il-ftehim.

14.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2009/2010.

15.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan is-suggett ghandu jigi diskuss waqt laqgha separata tal-Kumitat Finanzi li ghandha ssir nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju fis-1.30 pm jew aktar tard sabiex dak li jigi diskuss wara jigi ratifikat fil-laqgha li jkun imiss tal-Kunsill.Il-kelliem talab li jsir kommunikat bit-telefone mal-Kunsilliera l-ohra ukoll.

15.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16. Approvazzjoni tal-kontijiet.

16.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument M, N u O)**

16.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg kif ukoll li l-kontijiet ta' Ell's Urban Services fejn qal li dawn ghandhom jinhargu wara li l-kont ikun gie ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

16.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

16.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota favur il-kontijiet kollha izda astjena ghall-kontijiet tas-sur Shawn Farrugia.

16.05. Il-kontijiet gew approvati.

16.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ufficjalment lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jinforma lill-Kunsill bl-ezitu ta' l-istharrig li kien sar mill-Pulizija snin ilu vis-a-vis il-kuntratt tas-sur Shawn Farrugia li minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill jirrizulta li ma kien instab xejn hazin.

16.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

16.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17. Materji ohra.

17.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jittella' hajt gholi hames filati minflok il-chain link fence li hemm fil-parkegg tal-Kunsill sabiex jitnehha kull abbuz li jkun hemm.

17.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ladarba l-bini tal-Kunsill huwa skedat wisq probabbli li jkun hemm bzonn il-permess tal-MEPA. Il-kelliem staqsa ukoll mill-liema fond ser jinhargu l-ispejjez u jekk hemmx stima tax-xoghol involut.

17.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda l-proposta tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u zied li qabel jinbeda x-xoghol ghandu jintalab il-parir tal-Perit. Vis-a-vis il-finanzjament il-kelliem ippropona li jintalab il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex ikunu jistghu jintuzaw il-finanzi allokati ghaz-zamma u l-manutenzjoni tat-toroq.

17.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kumpanija NnG Promotions ghandhom jigu nfurmati li ladarba l-gemellagg ma' Anning ma giex approvat mill-Prim Ministru, il-kontribuzzjoni li kien ser jircievi l-Kunsill, issa ghandha tintuza ghal ghanijiet ohra b'risq il-lokal.

17.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill javvicina lill-Banek kummercjali li hawn f'Malta bil-possibilita' li jipprovdu servizzi bankarji fil-Kunsill minn rapprezentanti ta' l-istess Banek kif ukoll il-possibilita' li tigi nstallata facilita' ta' ATM fil-lokal.

17.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' l-ADT sabiex isir zebra crossing faccata ta' Blokk 5 fi Triq il-Profs. Walter Ganado.

17.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

17.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jinxtraw litter bins biex jitwahhlu mad-dawra ta' Pembroke.

17.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li qed ikun hemm hafna nies bil-klieb jghumu fil-bajja ta' Pembroke.

17.16. Is-Sindku Joe Zammit talab li jintalab l-intervent tal-Pulizija sabiex jitwaqqaf dan l-abbuz ghax qal li mhux sewwa li jigu ntimidati membri tal-Kunsill meta tingibed l-attenzjoni tal-persuni li jkollhom il-klieb fil-bajja.

17.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li nhar il-Gimgha 3 ta' Lulju 2009 kien hemm kaz ta' indicenza pubblika fin-nizla li taghti ghall-Bajja ta' San Gorg liema persuna nqabad mill-Pulizija wara ntervent tieghu u tas-Sindku Joe Zammit. Il-kelliem ippropona li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Pulizija li kien hemm involuti (PS 157 Bryan Mifsud, PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 1314 Raymond Ambrogio, PC 750 Terry James Mallia, PC 1194 Christopher Debrincat u PC 1315 Jeffrey Abela). Il-kelliem qal li l-persuna koncernata ser titressaq il-Qorti mill-Pulizija izda

sfortunatament dan ser jitressaq il-Qorti aktar tard matul is-sena minhabba li bhalissa l-Qorti maghluqa, xi haga li l-Kunsill ma tantx jaqbel maghha.

17.18. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

17.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.20. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jintalab il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex isiru zewg lampi faccata taz-zuntier tal-Knisja ma' l-arbli li hemm biswit il-Bus Shelter.

17.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fl-akwati tal-ground ta' Pembroke Athleta qed ikun hemm riha qawwija ta' dranagg li gejja mill-pumping station tad-dranagg.

17.24. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex tinstab soluzzjoni darba ghall dejjem ghal din il-problema.

17.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.27. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-iskrivana Kirsty Rizzo kienet ghalqet sena mpjegata mal-Kunsill u ghalhekk hemm lok ta' increment fl-iskala li giet impjegata.

17.28. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinghata dan l-increment.

17.29. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

17.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab il-permess tal-Kunsill sabiex nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis fix-xhur ta' Lulju u Settembru jinghata permess li jiehu l-break bejn il-12.15 pm u 13.15 pm minflok in-12.00 pm u 13.00 pm u dan sabiex ikun jista' jigbor lit-tifel tieghu minn Summer School li qed jattendi f'San Giljan specjalment f'dak il-hin tas-shana.

17.32. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex iressaq din it-talba fil-prezenza tal-Kunsilliera kollha.

17.33. Il-laqgha ntemmet fl-10.15 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 22 ta' Lulju 2009 fil-5.30 pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |